

**OPINJONI TAL-KUNSILL****ta' l-4 ta' Marzu 2008****dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tas-Slovenja, 2007-2010**

(2008/C 74/02)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

TA DIN L-OPINJONI:

- (1) Fl-4 ta' Marzu 2008 l-Kunsill eżamina l-programm ta' stabbiltà aġġornat tas-Slovenja, li jkopri l-perjodu mill-2007 sa l-2010.
- (2) Iż-żieda ġeneralment b'saħħitha fil-PGD tas-Slovenja matul l-aħħar għaxar snin kienet fl-aqwa tagħha matul l-ewwel sena ta' sħubija fiż-żona euro. Madankollu, żieda notevoli fl-inflazzjoni, prinċipalment minħabba żviluppi fil-prezz ta' l-affarijiet ta' kuljum flimkien ma' nuqqas ta' kompetizzjoni f'xi setturi, ġiet irreġistrata wkoll fl-2007, bir-riskju ta' effetti sekondarji fuq il-pagi għall-2008.

Fl-isfond tat-tkabbir ekonomiku b'saħħtu matul il-perjodu ta' qabel id-dħul fl-UE u fiż-żona euro, sar progress tajjeb fil-konsolidament tal-finanzi pubbliċi. Għall-futur, ser ikunu meħtieġa it-tisħiħ tal-produttività tax-xogħol, iż-żamma ta' pagi konformi mal-produttività u sforzi fiskali kontinwi biex titrawwem stabbiltà makroekonomika, inkluża inflazzjoni aktar baxxa. L-indirizzar ta' l-aċċelerazzjoni riċenti ta' l-inflazzjoni fis-Slovenja jgħin biex tinżamm il-kompetittività ta' din l-ekonomija orjentata lejn l-esportazzjoni. Barra minn hekk, is-sostenibbiltà għall-perjodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi tibqa' sfida minħabba l-effetti sinifikanti mistennija tat-tixxijiet fuq il-baġit fin-nuqqas ta' aktar riforma tal-pensjonijiet. Biex il-proċess li għaddej ta' rkupru ta' l-ekonomija jiġi appoġġat, ser ikun importanti li r-riformi strutturali jkomplu, speċjalment fir-rigward tas-swieq tax-xogħol u l-prodotti. Fl-istess kument, ser ikun ukoll ta' benefiċċju li ssir ridirezzjoni ulterjuri ta' l-infiq pubbliku lejn kategoriji li jtejbju t-tkabbir, filwaqt li tiġi trattata r-riġidità baġitarja u titjeb l-effiċjenza ta' l-infiq.

- (3) Ix-xenarju makroekonomiku abbażi tal-programm jipprevedi li ż-żieda reali fil-PGD ser tnaqqas il-pass minn 5,8 % fl-2007 għal 4,6 % fl-2008 u 4,1 % fl-2009 qabel ma tirkupra biex tilħaq 4,5 % sa tmiem il-perjodu tal-programm. Ivvalutat skond tagħrif disponibbli attwalment <sup>(2)</sup>, dan ix-xenarju jidher li huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet ta' tkabbir plawżibbli, għalkemm żiedu riskji għall-2008 li ġejjin mill-ambjent estern mit-tlestija tal-programm ta' stabbiltà. Wara ż-żieda mhux mistennija fl-inflazzjoni fl-2007, il-projezzjonijiet tal-programm għall-inflazzjoni huma ogħla b'mod sinifikanti minn dawk ix-xenarju tas-sena l-oħra. Madankollu, għadhom jidhru li jinsabu pjuttost baxxi għall-2008 minħabba żviluppi riċenti fil-prezzijiet ta' l-ikel u l-enerġija. L-effetti tat-tieni ċiklu mill-inflazzjoni li reġġet qabdet sewwa fl-2007 kif ukoll żidiet fil-pagi fis-settur pubbliku li jaffettwaw is-settur privat jistgħu jwasslu għal differenzjal ta' inflazzjoni akbar mal-bqija taż-żona euro. Jekk ikunu persistenti, dan ikun jimplika żviluppi ta' kompetittività anqas favorevoli milli huwa implikat mill-programm.

<sup>(1)</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1055/2005 (ĠU L 174, 7.7.2005, p. 1). Id-dokumenti msemmija f'dan it-test jinsabu fis-sit web li ġejj: [http://ec.europa.eu/economy\\_finance/about/activities/sgp/main\\_en.htm](http://ec.europa.eu/economy_finance/about/activities/sgp/main_en.htm).

<sup>(2)</sup> Il-valutazzjoni tqis b'mod partikolari t-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-ħarifa u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tar-rapport ta' implimentazzjoni ta' Ottubru 2007 tal-programm ta' riforma nazżjonali.

- (4) Għall-2007, id-defiċit ġenerali tal-gvern huwa stmat li jkun 0,7 % tal-PGD fil-previżjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2007, imqabbel ma' mira ta' 1,5 % tal-PGD stabbilita fil-programm ta' l-2006. Id-differenza hija spjegata prinċipalment minn effett ta' bażi pożittiv mill-eżitu ta' l-2006 u minn żieda nominali fil-PGD ogħla milli kienet ipproġettata fl-2007. Fl-istess waqt, ukoll skond l-aġġornament ta' l-2007 tal-programm, żviluppi ta' dħul aktar pożittivi milli ppjanati rriżultaw parzjalment minn tkabbir ta' nfiq ogħla milli kien ipplanat fil-programm ta' l-2006. Madankollu, tagħrif aktar riċenti fuq bażi ta' flus kontanti jindika rendiment aħjar għall-2007, possibbilment bilanċ favorevoli żgħir. B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni baġitarja fl-2007 kienet konformi ma' l-opinjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 dwar il-programm ta' stabbiltà ta' l-2006 <sup>(1)</sup>, li stiednet lis-Slovenja taċċellera l-ksib ta' l-MTO billi tieħu vantaġġ mill-kondizzjonijiet ekonomiċi tajbin, inkluż eżitu baġitarju aħjar milli kien mistenni fl-2006. Il-Kunsill jinnota li l-implimentazzjoni baġitarja fl-2007 hija konsistenti wkoll ma' l-orjentazzjonijiet ta' l-Eurogroup ta' April 2007 għal-linji politiċi baġitarji.
- (5) L-objettiv ewlieni ta' l-istrateġija baġitarja għall-perijodu medju fl-aġġornament huwa li jiġi rispettata l-objettiv tat-terminu medju (MTO), li huwa defiċit strutturali (jiġifieri defiċit nett aġġustat ċiklikament ta' miżuri ta' darba u ta' oħrajn temporanji) ta' 1 % tal-PGD, b'marġini li qed jikber matul il-perijodu tal-programm, għalkemm huwa ppjanat xi dgħajfen għall-2008. Din il-bidla fil-konfront ta' l-objettiv tal-programm preċedenti biex jintlaħaq l-MTO sa l-2009 hija riżultat tar-rendiment ta' l-2006 li kien aħjar milli mistenni msemmi hawn fuq (li prinċipalment jirrifletti żieda nominali ogħla fil-PGD), li implika li l-MTO kien diġà ntlaħaq b'mod ġenerali fl-2006. Imqabbel mal-programm ta' l-2006, id-defiċit nominali ppjanat fl-aġġornament ta' l-2007 huwa madwar 0,5 punt perċentwali tal-PGD aktar baxx matul il-perijodu tal-programm, fl-isfond ta' pożizzjoni ta' bidu aħjar.

Id-defiċit huwa ppjanat li jespandi sa 0,9 % tal-PGD fl-2008 u mbagħad jagħlaq gradwalment, bl-akbar aġġustament ipplanat fl-aħħar sena. B'mod simili, il-bilanċ favorevoli primarju huwa pproġettata li jilħaq ftit 'il fuq minn 1 % tal-PGD sa l-2010. Il-konsolidament ipplanat jirriżulta minn trażżin fl-infiq aktar milli min-newtralizzazzjoni, ħlief għall-2008, tat-tnaqqis gradwali fil-proporzjon tad-dħul. It-tnaqqis ipproġettata ta' l-infiq primarju matul il-perijodu tal-programm jammonta għal 2,25 punti perċentwali tal-PGD. Filwaqt li għandu bażi relattivament wiesgħa, huwa jirrifletti żviluppi mrażżna ta' nfiq soċjali, li jirrappreżentaw 1/3 tal-konsolidament totali. Influwenzat l-aktar mir-riforma li għad-dejja fit-taxxa, it-tnaqqis gradwali fil-proporzjon tad-dħul, b'1,75 punti perċentwali, ġej prinċipalment mit-taxxi indiretti, filwaqt li hija pproġettata żieda żgħira fil-piż fiskali dirett.

- (6) Ir-riskji fil-projezzjonijiet baġitarji fil-programm jidhru ġeneralment ibbilanċjati fl-2008, filwaqt li l-eżiti baġitarji jistgħu jkunu daqsxejn agħar milli mmirat fis-snin imbiegħda. Fl-2008, il-possibbiltà ta' effett ta' bażi pożittiv minħabba rendiment baġitarju ta' l-2007 potenzjalment aħjar milli kien mistenni tinnewtralizza r-riskji assoċjati mad-deterjorazzjoni attwali ta' l-ambjent estern. Minn hemm 'il quddiem, hemm ċerti riskji għall-implimentazzjoni ta' l-istrateġija baġitarja minħabba, b'mod partikolari, il-kobor konsiderevoli tat-tnaqqis ipplanat fl-infiq akkumulat, bil-miżuri ta' bażi mhux kollha spjegati f'biżżejjed dettall. Sa ċertu punt, dawn ir-riskji huma mtaffija bir-rekord tajjeb tas-Slovenja fil-passat riċenti, li jissuġġerixxi li l-eżiti jistgħu jkunu aħjar milli kien mistenni.
- (7) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, il-qagħda baġitarja fil-programm tidher suffiċjenti biex l-MTO jinżamm matul il-perijodu tal-programm, iżda possibbilment b'marġini iżgħar milli kien ipplanat għas-snin imbiegħda. Id-deterjorazzjoni żgħira tal-bilanċ strutturali prevista għall-2008 tista' tirriżulta li tkun proċiklika, għalkemm żiedu r-riskji negattivi li ġejjin mill-ambjent estern. Dan ma jkunx f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, pożizzjoni fiskali aktar stretta minn dik prevista bħalissa għall-2008 tidher li hija ġġustifikata minħabba l-pressjonijiet qawwija ta' inflazzjoni attwali. Il-Kunsill jinnota li dan ikun ukoll konsistenti ma' l-orjentazzjonijiet ta' l-Eurogroup ta' April ta' l-2007 għal-linji politiċi baġitarji, li appellaw għal tfassil bir-reqqa ta' pjanijiet ta' politika fiskali għall-2008 biex jiġu evitati żbilanċi makroekonomiċi. Wara l-2008, il-qagħda tal-politika fiskali implikata mill-programm hija konformi mal-Patt.

<sup>(1)</sup> ĠUC 71, 28.3.2007, p. 9.

- (8) Is-Slovenja tidher li tinsab friskju għoli fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. L-pożizzjoni baġitarja fl-2007 kif stmata fil-programm baqgħet bejn wieħed u ieħor l-istess meta mqabbla ma' l-2006 u hija suffiċjenti biex tistabbilizza l-proporzjon tad-dejn għall-perijodu fit-tul qabel ma jitqies l-impatt baġitarju ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Madankollu, din ta' l-aħħar hija sew 'il fuq mill-medja ta' l-UE, li prinċipalment jirrifletti żieda aktar qawwija fin-nefqa tal-pensjonijiet. Bilanċi favorevoli primarji għoljin matul il-perijodu medju u, b'mod partikolari, aktar miżuri mmirati li jrażżnu ż-żieda sostanzjali prevista fin-nefqa relatata ma' l-età jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riskji għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
- (9) Il-programm ta' stabbiltà jidher li huwa konsistenti mar-rapport ta' Ottubru 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma nazzjonali. B'mod partikolari, iż-żewġ dokumenti jagħtu rendikont tal-miżuri prinċipali ta' riforma li qed jiġu implimentati, bħar-riforma fiskali komprensiva, l-investimenti fl-infrastruttura kif ukoll it-tibdil fis-sistema ta' trasferimenti soċjali. Il-programm ma jinkludix valutazzjoni kwalitattiva dettaljata ta' l-impatt ġenerali tal-programm ta' riforma nazzjonali fl-istrateġija fiskali tal-perijodu medju. Madankollu, għalkemm dan ma jsirx b'mod sistematiku, jingħata tagħrif dwar l-impatt baġitarju dirett assoċjat mar-riformi ewlenin previsti u dan ġie kkunsidrat fil-projezzjonijiet baġitarji.
- (10) L-istrateġija baġitarja fil-programm hija parzjalment konsistenti mal-linji gwida tal-politika ekonomika ġenerali speċifika għall-pajjiż inklużi fil-linji gwida integrati u l-linji gwida għall-Istati Membri taż-żona euro fil-qasam tal-linji politiċi baġitarji fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Lisbona. B'mod partikolari, hija ma tinkludix aktar miżuri sinifikanti biex tissaħħaħ ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet bil-ħsieb li tiġi żgurata sostenibbiltà għall-perijodu fit-tul.
- (11) Fir-rigward tal-ħtiġiet ta' data speċifika fil-kodiċi ta' kondotta għall-programmi ta' stabbiltà u konverġenza, il-programm fih xi nuqqasijiet fid-data meħtieġa u f'dik fakultattiva (!).

Il-konklużjoni ġenerali hija li s-Slovenja laqgħet l-MTO tagħha fl-2007, sentejn qabel il-pjanijiet preċedenti, u li l-programm jimmira li jirrispetta l-MTO b'marġni li qed jikber matul il-perijodu tal-programm. Għall-2007, l-aktar tagħrif riċenti disponibbli jindika rendiment baġitarju aħjar milli ppjanat, possibbilment bilanċ favorevoli żgħir. Madankollu, għall-2008, hija prevista deterjorazzjoni żgħira tal-bilanċ strutturali minkejja l-prospetti ta' tkabbir qawwija kontinwi. Ir-riskji għall-projezzjonijiet baġitarji jidhru ġeneralment ibbilanċjati fl-2008. Fis-snin imbiegħda, l-eżiti baġitarji jistgħu jkunu ftit agħar minn dawk immirati, prinċipalment minħabba r-riskji assoċjati mad-dipendenza prevista fuq it-trażżin ta' l-infiq. Il-qagħda fiskali fl-2008 tista' tirriżulta li tkun pro-ċiklika. Qagħda fiskali aktar stretta minn dik prevista fil-preżent għall-2008 tidher iġġustifikata wkoll minħabba l-pressjonijiet attwali qawwija ta' inflazzjoni. Iż-żieda għolja pproġettata fil-ħlas tal-pagi fis-settur pubbliku hija wkoll ta' tħassib għall-prospetti ta' l-inflazzjoni. Minkejja l-livell baxx attwali tad-dejn, is-Slovenja hija kkunsidrata friskju għoli fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi għall-perijodu fit-tul minħabba l-impatt baġitarju sinifikanti pproġettat tat-tixjieħ.

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, is-Slovenja hija mistiedna biex:

- (i) tibni fuq rendiment li x'aktarx ikun aħjar milli mistenni fl-2007, timmira lejn pożizzjonijiet baġitarji aktar qawwija fl-2008 u lil hinn milli kien ipplanat fil-programm, b'hekk tevita linji politiċi pro-ċikliċi;
- (ii) tkun lesta tadotta aktar miżuri biex ittaffi l-pressjonijiet ta' l-inflazzjoni, filwaqt li tikkomplementa l-pożizzjoni fiskali rakkomandata b'linji politiċi xierqa ta' pagi, suq tax-xogħol u kompetizzjoni;
- (iii) fid-dawl taż-żieda pproġettata fin-nefqa relatata ma' l-età, ittejjeb is-sostenibbiltà għall-perijodu fit-tul tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari billi tirriforma aktar is-sistema tal-pensjonijiet.

Il-Kunsill jinnota wkoll li tali azzjonijiet ikunu konsistenti ma' l-orjentazzjonijiet ta' l-Eurogroup ta' April 2007 għal-linji politiċi fiskali.

(!) B'mod partikolari, id-data dwar ċerti suppożizzjonijiet esterni ("Id-Dinja kollha minbarra l-UE, tkabbir fil-PGD", "Volumi ta' importazzjoni fid-dinja kollha, minbarra fl-UE") u dwar xi punti rigward bilanċi settorali kif ukoll l-analiżi ta' l-aġġustament tal-fluss ta' l-istokk tal-livell tad-dejn huma nieqsa.

## Tqabbil tal-proġettazzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlenin

		2006	2007	2008	2009	2010
PGD reali (% bidla)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>5,7</b>	<b>5,8</b>	<b>4,6</b>	<b>4,1</b>	<b>4,5</b>
	COM Nov 2007	5,7	6,0	4,6	4,0	m.a.
	PS Diċ 2006	4,7	4,3	4,2	4,1	m.a.
Inflazzjoni ta' l-IAPK (%)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>2,5</b>	<b>3,4</b>	<b>3,5</b>	<b>2,8</b>	<b>2,6</b>
	COM Nov 2007	2,5	3,5	3,7	2,9	m.a.
	PS Diċ 2006	2,7	2,7	2,5	2,2	m.a.
Differenza fil-produszjoni <sup>(1)</sup> (% tal-PGD potenzjali)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>- 0,2</b>	<b>0,7</b>	<b>0,5</b>	<b>0,1</b>	<b>0,2</b>
	COM Nov 2007 <sup>(2)</sup>	- 0,2	0,9	0,8	0,3	m.a.
	PS Diċ 2006	- 0,5	- 0,2	0,0	0,3	m.a.
Self nett (il barra/il ġewwa) fir-rigward tal- baġja tad-dinja (% tal-PGD)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>- 2,8</b>	<b>- 3,5</b>	<b>- 3,1</b>	<b>- 2,0</b>	<b>- 1,6</b>
	COM Nov 2007	- 2,6	- 3,3	- 2,6	- 1,9	m.a.
	PS Diċ 2006	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.	m.a.
Bilanċ ġenerali tal-gvern (% tal-PGD)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>- 1,2</b>	<b>- 0,6</b>	<b>- 0,9</b>	<b>- 0,6</b>	<b>0,0</b>
	COM Nov 2007	- 1,2	- 0,7	- 1,0	- 0,8	m.a.
	PS Diċ 2006	- 1,6	- 1,5	- 1,6	- 1,0	m.a.
Bilanċ primarju (% tal-PGD)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>0,2</b>	<b>0,7</b>	<b>0,2</b>	<b>0,6</b>	<b>1,1</b>
	COM Nov 2007	0,2	0,7	0,3	0,4	m.a.
	PS Diċ 2006	0,1	- 0,1	- 0,3	0,3	m.a.
Bilanċ aġġustat ċiklikament <sup>(1)</sup> (% tal-PGD)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>- 1,1</b>	<b>- 0,9</b>	<b>- 1,1</b>	<b>- 0,7</b>	<b>- 0,1</b>
	COM Nov 2007	- 1,1	- 1,1	- 1,4	- 1,0	m.a.
	PS Diċ 2006	- 1,4	- 1,4	- 1,6	- 1,1	m.a.
Bilanċ Strutturali <sup>(3)</sup> (% tal-PGD)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>- 1,1</b>	<b>- 0,8</b>	<b>- 1,0</b>	<b>- 0,7</b>	<b>- 0,1</b>
	COM Nov 2007	- 1,1	- 1,1	- 1,4	- 1,0	m.a.
	PS Diċ 2006	- 1,4	- 1,4	- 1,6	- 1,1	m.a.

		2006	2007	2008	2009	2010
Dejn gross tal-gvern (% tal-PGD)	<b>PS Nov 2007</b>	<b>27,1</b>	<b>25,6</b>	<b>24,7</b>	<b>23,8</b>	<b>22,5</b>
	COM Nov 2007	27,1	25,6	24,5	23,8	m.a.
	PS Diċ 2006	28,5	28,2	28,3	27,7	m.a.

## Notes:

- (<sup>1</sup>) Id-differenzi fil-produzzjoni u bilanċi aġġustati ċiklikament skond il-programmi kif ikkalkulati mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni fuq il-bażi tat-tagħrif fil-programmi.
- (<sup>2</sup>) Ibbażat fuq it-tkabbir potenzjali stmat ta' 4,2 %, 4,9 %, 4,7 % u 4,5 % rispettivament fil-perijodu 2006-2009.
- (<sup>3</sup>) Bilanċ aġġustat ċiklikament bl-esklużjoni ta' miżuri ta' darba biss u miżuri temporanji oħra. Miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra huma 0,1 % tal-PGD fl-2007 u 0,1 % fl-2008, it-tnejn iżidu d-defiċit, skond l-aktar programm riċenti. Is-servizzi tal-Kummissjoni ma jikkunsidrawhomx bħala miżuri ta' darba, għalhekk ma jidhrux bħala miżuri ta' darba fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni.

## Sors:

Programm ta' Stabbiltà (SP); Tbassir ekonomiku tas-servizzi tal-Kummissjoni għall-ħarifa 2007 (COM); Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni.